

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 65/2016****tat-18 ta' Marzu 2016****li temenda l-Protokoll 47 (dwar it-tneħħija tal-ostakoli tekniċi għall-kummerċ tal-inbid) tal-Ftehim ŻEE [2017/1895]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2014 tat-28 ta' Novembru 2014 li jawtorizza żieda tal-limiti għall-arrikkiment tal-inbid prodott mill-għeneb maħsud fl-2014 minn ċerti varjetajiet ta' għeneb tal-inbid f'ċerti reġjuni ta' vitikultura, jew f'partijiet minnhom ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Din id-Deċiżjoni tirrigwarda l-leġislazzjoni dwar l-inbid. Il-leġislazzjoni dwar l-inbid ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fis-seba' paragrafu tal-introduzzjoni tal-Protokoll 47 tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (3) Il-Protokoll 47 tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiżiedu wara l-punt 13 (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 172/2013) tal-Appendiċi I tal-Protokoll 47 tal-Ftehim ŻEE:

"14. **32014 R 1271:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2014 tat-28 ta' Novembru 2014 li jawtorizza żieda tal-limiti għall-arrikkiment tal-inbid prodott mill-għeneb maħsud fl-2014 minn ċerti varjetajiet ta' għeneb tal-inbid f'ċerti reġjuni ta' vitikultura, jew f'partijiet minnhom (ĠU L 344, 29.11.2014, p. 10)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1271/2014 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-19 ta' Marzu 2016, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2016.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN

⁽¹⁾ ĠU L 344, 29.11.2014, p. 10.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.